MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2008

Numru. 1059/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maurice Curmi)**

**v**

**Doreen (Maria Dolores) Magri ta’ 32 sena bint Ludgardu**
**u Rosaria nee Caruana, imwielda Pieta’ fit-13 ta’ Gunju, 1971,**
**u residenti Blokk 10, Flat 6, North Street, Valletta,**
**detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 292071 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Doreen (Maria Dolores) Magri li giet akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, u fix-xhur ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Rceviet minghand haddiehor jew kisbet minghand haddiehor xi weghda li nghatat lilha jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet jew qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li hu permess bil-ligi u cioe rceviet minghand Michelle Vella u persuni ohra mghaxijiet eccessivi li kien b'eccess minn dak li hu permess mil-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 298C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 8).

Rat ukoll li fi stadju ta' interrogatorju Doreen Magri wiegbet li mhux hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha kif ukoll li ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm din il-Qorti tinsab moralment konvinta li xi tip ta' trattazzjoni kien hemm bejn l-akkuzata u x-xhud principali.

Pero' ma tistax il-Qorti ma taghtix piz ix-xhieda ferm kontradittorja li giet prodotta u ghaldaqstant timxi mal-principju in dubio pro reo u tilliberaha mill-akkuzi kif dedotti kotnra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------